

Il-Bolli Maltin – Opri tal-arti fiċ-ċokon

1. Qatt għaddielkom minn moħħkom li minkejja ċ-ċokon tagħhom il-bolli jgħaddu minn proċess twil qabel jiġu stampati? Qatt ħsibtu fit-tifsira tal-bolli, ir-rabta kbira li joħolqu tas-soċjetà mal-kultura u l-kummerċ? Forsi wħud minnkom, mhux bilfors filatelisti iżda anke xerrejja tal-bolli sabiex jitwaħħlu fuq l-ittri, lanqas biss jagħtu kas tal-kwalità tad-disinn jew id-dettall fuq il-bolli, aħseb u ara kemm se jaħsbu dwar il-**vjaġġ twil** li ħadet sabiex tasal għandhom din id-daqsxejn ta' karta b'saħħa kummerċjali kbira l-aktar fil-qasam tal-komunikazzjoni. Għax għalkemm id-daqs tal-bolli hu żgħir, wara d-disinn li nsibu rappreżentat fuqhom hemm storja twila ta' riċerka u tiftix bir-reqqa. Għalhekk tajjeb li wieħed ikun jaf l-istorja ta' kif issir l-għażla tas-suġġetti għal fuq il-bolli.
2. Il-proċess li minnu jgħaddu bolla jew sett ta' bolli hu twil u iebes. F'dan l-ewwel stadju, jiġifieri l-għażla tas-suġġett, jieħdu sehem ħafna nies. Il-Posta għandha Bord apposta li jagħti pariri dwar din l-għażla msejjaħ Bord Konsultattiv dwar id-Disinji tal-Bolli. Dan isib l-għajjuna ta' esperti, għaqdiet u saħansitra l-pubbliku ġenerali li jista' jibgħat suġġerimenti dwar suġġetti għal fuq il-bolli. Barra minn hekk, impjegati mal-Posta jgħarrxu fl-enċiklopediji, gazzetti, kotba u rivisti biex jaraw liema huma l-anniversarji jew ġrajjiet li jixirqilhom jifakkru fuq il-bolli. Is-suġġetti jrid ikollhom importanza anki nazzjonali u dawn jistgħu jinkludu storja, drawwiet, kultura, il-ħajja ekonomika, nies prominenti, għaqdiet jew żviluppi soċjali. Daqqa t'għajj lejn il-bolli Maltin li ħarġu s-sena l-oħra jikkonferma dan.
3. Wara li ssir l-għażla tas-suġġett, l-Amministrazzjoni Postali ta' Malta mbaġħad tnedi kompetizzjoni għal disinji tal-bolla partikolari jew sett ta' bolli. U hawn jibda x-xogħol delikat u importanti li l-aktar jieħu żmien. Id-disinjatur jibda jiġbor il-materjal kollu dwar is-suġġett u wara li **jħarbox** xi disinji jibgħathom lill-Bord għall-għażla. Wara l-għażla l-artist jew graphic designer jibda jaħdem fuq skala akbar, iżda jżomm dejjem quddiem għajnejh kif fl-aħħar mill-aħħar se tidher fiċ-ċokon. Għax hawn jinsab is-seħer wara kull bolla li toħroġ u li jorbot flimkien l-arti u l-kummerċ. Minkejja li tkun mimlija **dettalji** d-disinn irid ikun sempliċi u ċar. Għalhekk il-bolli jitqiesu bħala opri tal-arti fiċ-ċokon. Wara d-disinn ta' kull bolla hemm ħafna tirqim aktar milli tara l-għajj.
4. Fl-imgħoddi l-bolli kienu jkunu b'kulur wieħed u allura ma kienux hemm xogħol twil fl-istadju tad-disinn. Iżda lejn tmiem il-ħamsinijiet bdew jiżdiedu l-kuluri fuq il-bolli Maltin u llum l-ilwien li fihom **isaħħru** lil kulħadd. Id-disinjatur jipprova juża kuluri ħajjin sabiex jintgħoġbu mill-filatelisti lokali u barranin kif ukoll mix-xerrejja tal-bolli. In-namra tal-filatelist jista' jkollha kemm-il għerq, fosthom il-kilba għall-ġabra ta' oġġetti qodma, tagħlim storiku, kulturali u tradizzjonali fuq xi suġġett jew pajjiż, kif ukoll tagħrif u tagħlim fuq kisbiet ta' professjonisti, filantropi, atleti u persunaġġi oħrajn. Forsi wħud minnkom jaħsbu li peress li l-bolli huma żgħar fid-daqs dawn jieħdu inqas xogħol. **Dan mhux minnu** u għaldaqstant il-problemi huma akbar minn meta tpinġi fil-kobor ukoll jekk l-artist jista' jesprimi l-ideat tiegħu fid-disinn ta' fuq il-bolla b'diversi modi – jew simbolikament jew inkella permezz ta' rappreżentazzjoni. Ma għandniex xi ngħidu, dik tal-ewwel hi l-aktar faċli.
5. Il-problemi tal-graphic designer jew artist tal-bolli jiżdiedu meta s-suġġett ma jkunx qed jintmess għall-ewwel darba. Bħal ngħidu aħna l-bolli tal-Milied li joħorġu f'Novembru ta' kull sena f'pajjiżna. Sa issa diġà ħarġu 30 sett u għalhekk id-disinjatur irid jara li s-suġġett li jagħżel ma jkunx deher qabel. Agħtu **daqqa t'għajj** lejn is-settijiet ta' bolli Maltin tal-Milied u tifhmuh aħjar x'irrid ngħid. L-istess għas-settijiet ta' bolli li joħorġu kull erba' snin u li jfakkru l-Logħob Olimpiku u t-Tazza tad-Dinja. L-artist jagħmel l-almu tiegħu biex joħloq disinn li ma jixbahx lis-settijiet f'din is-serje waqt li xorta jressaq bil-ħila tiegħu l-apprezzament artistiku bħala riflessjoni kulturali li torbot oqsma oħra tal-attività tal-bniedem.

6. L-Amministrazzjonijiet Postali **mxerrda mal-erbat irjeh tad-dinja** kollha għandhom kriterji differenti dwar x'għandu jidher fuq il-bolli ta' pajjiżhom. Hemm nazzjonijiet li ma jinkludux persunaġġi li għadhom haġġin. Eċċezzjonijiet huma l-membri tal-familja rjali. Hemm oħrajn li ma jikkunsidrawx suġġetti għal fuq bolli jekk ma jkunux għaddew 25 sena minn fuq dik il-ġrajja. Hemm min ma jikkunsidrax anniversarji ta' għaqdiet jekk ma jkunux ilhom imwaqqfa għal kwart ta' seklu jew għal nofs seklu. **Barra minn hekk**, l-istess suġġett jista' jerġa' jidher fuq bolla wara li jgħaddu mill-inqas 50 sena.
7. F'din il-kitba semmejna fuq fuq il-proċess ta' kif tinħema bolla qabel ma tasal għand l-istampatur kif ukoll il-valur kbir tagħha. Evoluzzjoni twila u interessanti msejsa fuq għodda u żviluppi kurrenti li ftit huma dawk li jobsruha u jaħsbu **dwarha**. L-aktar meta fl-arja hemm illum mezzi ferm eħfef u fl-istess waqt aktar profondi mill-karta tal-bolla u li donnhom qed jheddulha haġġitha u bżonnha! Iżda ħarsa bir-reqqa taħt lenti ta' kull bolla tixhed il-ħsieb, l-immaġinazzjoni u l-ideat fertili tal-artist. L-ewwel darba li tiġi bolla f'idejk apprezza ħilet id-disinjatur li ismu stess jidher fuq l-istess opra ta' arti fiċ-ċokon u aħseb f'it fuq iż-żmien twil li tieġu biex mill-għażla tas-suġġett tgħaddi għad-disinn biex finalment tiġi stampata.

Source: Galea Ellul A. (Mejju, 1994), Sagħtar.

1. X' inhu l-ħsieb ewlieni tal-kitba?

- A. Titwila ħafifa lejn il-fażijiet biex issir bolla kif ukoll lejn il-valuri kulturali, artistiki u kummerċjali tagħha fil-qasam tal-komunikazzjoni, meta issa wasal iż-żmien li mezzi eħfef u aktar profondi qed jeħdulha postha u jeqirduha
- B. Titwila ħafifa fuq il-valuri artistiki u kulturali ta' daqsxejn ta' karta bħala bżonn kummerċjali fil-qasam tal-komunikazzjoni, kif ukoll fuq il-proċess sakemm tasal għand l-istampatur
- C. Titwila ħafifa fuq ir-rabta artistika u kummerċjali tal-bolla sakemm għadna nużawha, bħala riflessjoni kulturali fil-qasam tal-komunikazzjoni, kif ukoll tal-passaġġi varji fix-xogħol li hemm fil-produzzjoni
- D. Titwila ħafifa lejn il-proċessi varji tal-produzzjoni kif ukoll lejn il-valuri kbar tar-rabta kulturali u kummerċjali bħala attività tal-bniedem fis-soċjetà għax hi ħtieġa fil-qasam tal-komunikazzjoni u li issa tinsab mhedda

2. Għal liema “vjaġġ twil” jirreferi l-awtur f'paragrafu 1?

- A. Għall-mogħdija tas-snin li jgħaddu minn meta d-disinjatur jara li s-suġġett ma jkunx intmess għall-ewwel darba sa ma l-bolla tkun lesta sabiex toħroġ fis-suq
- B. Għat-transizzjoni minn meta ssir l-għażla studjata tas-suġġett sa ma l-bolli jkunu stampati fis-suq
- C. Għal proċess minn meta ssir l-għażla tad-disinn sa ma jkunu stampati fis-suq
- D. Għall-istorja twila u tiftix bir-reqqa minn meta ssir l-għażla ta' suġġett oriġinali sa ma tkun stampata u lesta biex toħroġ fis-suq

3. Liema waħda minn dawn l-istqarrijiet ma tissemmiex f'paragrafu 2?

- A. L-ewwel stadju tal-bolli, jiġifieri l-għażla tas-suġġett, jinvolvi sehem ta' xi nies
- B. L-għażla tas-suġġett isir mill-Bord Konsultattiv megħjun minn esperti, gruppi ta' nies u anki l-pubbliku ġenerali
- C. Impjegati tal-Posta jfittxu bil-ħerqa f'diversi pubblikazzjonijiet dwar daww l-anniversarji jew ġrajjiet li ta' min jagħtihom ġieħ
- D. Suġġetti li jridu jkunu ta' importanza anki nazzjonali, jistgħu jinkludu dak storiku u kulturali, drawwiet, il-ħajja ekonomika, nies magħrufa, għaqdiet jew żviluppi soċjali

4. Liema espressjoni hija l-eqreb għat-tifsira ta' “jħarbex” f'paragrafu 3?

- A. jħażżeż bla skop
- B. jikteb
- C. jipproduċi
- D. joħloq

5. Għal liema tip ta' "dettalji" jirreferi l-awtur f'paragrafu 3?

- A. Għal dak is-suġġett li jrid ikun sempliċi u ċar għax il-bolla hija opra tal-arti fiċ-ċokon u hija marbuta ma' idea jew għan
- B. Għal dak id-disinn mirqum imma sempliċi u ċar li huwa marbut ma' rappreżentazzjoni jew għan
- C. Għal dawk l-ilwien li fihom u li jsaħħru lil kulħadd
- D. Għal dak id-disinn li d-dettall mirqum imma sempliċi u ċar tiegħu jorbot mal-arti u mal-kummerċ

6. Xi tfisser il-kelma "isaħħru" f'paragrafu 4?

- A. Inisslu l-paċi fil-qlub ta' min jarahom
- B. Jagħtu pjaċir u kuntentizza b'mod sottili imma maġiku
- C. Jogħġbu u jagħtu gost b'sensazzjoni qawwija interna
- D. Jintilfu fuq xi ħaġa misterjuża għax tkun xi ħaġa ġdida

7. X'tifsira għandha l-frażi "Dan mhux minnu" f'paragrafu 4?

- A. Peress li l-bolli huma żgħar jieħdu aktar xogħol biex isiru
- B. Mhux eżatt meta wieħed jaħseb li peress li l-bolli huma żgħar jieħdu anqas xogħol biex isiru
- C. Hi gidba li taħseb li peress li l-bolli huma żgħar fid-daqs jieħdu anqas xogħol
- D. Peress li l-bolli huma żgħar jieħdu xorta waħda ħafna xogħol biex isiru

8. Xi tfisser l-idjoma "daqqa t'għajn" f'paragrafu 5?

- A. Meta tagħti titwila ta' malajr u tiftakar xi tkun rajt
- B. Meta tiġik idea ta' malajr u tiddisinjaha mill-ewwel biex ma tinsihex
- C. Meta tara xi ħaġa b'mod mgħaġġel biss biex ikollok idea tagħha
- D. Meta tħares bir-reqqa u tifli kull dettall

9. X'tifsira għandha din l-idjoma "mxerrda mal-erbat irjieħ tad-dinja" f'paragrafu 6?

- A. L-Amministrazzjonijiet Postali jinstabu f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja
- B. L-Amministrazzjonijiet Postali jinsabu f'ċerti pajjiżi madwar id-dinja
- C. L-Amministrazzjonijiet Postali ssibhom fil-kontinenti ewlenin madwar id-dinja
- D. L-Amministrazzjonijiet Postali ssibhom f'kull pajjiż tad-dinja

10. B'liema frażi tista' tiġi sostitwita l-espressjoni "Barra minn hekk" f'paragrafu 6?

- A. Minħabba f'hekk

- B. B'konsegwenza t'hekk
- C. Riżultat t'hekk
- D. Apparti dan

11. Għal min qed jirreferi l-awtur bil-pronom mehmuż fil-kelma “dwarha” f'paragrafu 7?

- A. Għal kull żmien twil ta' bidla fl-istorja tal-bolol
- B. Għal kull bolla jġifieri s-suġġett u d-disinn marbut magħha
- C. Għal kull għodda u żviluppi kontemporanji li qed jaffettwaw il-proċess li minnu jsiru l-bolol
- D. Għal kull valur li hu moħbi wara kull disinn tal-bolla waqt l-evoluzzjoni tagħha

12. B'liema għan l-awtur kiteb din is-silta?

- A. Sabiex imaqdar lil min ma jafx japprezza x-xogħol delikat li jeħtieġ sabiex issir din l-opra ta' arti fiċ-ċokon fil-qasam tal-kummerċ u l-komunikazzjoni
- B. Sabiex iwiddeb lill-poplu Malti biex japprezza u jammira li mill-ideat u l-ħsieb fertili tal-artist tinħoloq din l-opra tal-arti fiċ-ċokon fil-qasam tal-kummerċ u l-komunikazzjoni
- C. Sabiex jikkonvinċi lill-poplu li minkejja li hija biss karta żgħira hija ta' importanza ewlenija fil-qasam komunikattiv speċjalment fl-oqsma kummerċjali
- D. Sabiex jagħmilna konxji li minkejja l-isfidi teknoloġiċi, il-proċess innifsu tal-bolla għandu jkun apprezzat minħabba l-enerġija li jagħtu d-disinjaturi għal dawn l-opri ta' arti fiċ-ċokon fil-qasam tal-kummerċ u l-komunikazzjoni

ANSWER KEY

- 1. C
- 2. B
- 3. A
- 4. D
- 5. B
- 6. C
- 7. B
- 8. C
- 9. A
- 10. D
- 11. A
- 12. D